# Il–Kummissjoni tniedi dibattitu pubbliku dwar l–ahjar mod kif jista' jiġi promoss ambjent bla tipjip
# 30/01/2007

**Il–Kummissjoni Ewropea illum adottat Green Paper bit–titolu "Lejn Ewropa hielsa mid–duhhan tat–tabakk: għażliet ta´ politika fuq livell ta´ UE", biex tniedi konsultazzjoni pubblika wiesgħa dwar l–ahjar mod kif jista´ jiġi promoss ambjent bla duhhan fl–Unjoni Ewropea. Il–Green Paper teżamina l–piżijiet ekonomiċi u fuq is–saħħa, assoċjati mat–tipjip passiv, l–appoġġ pubbliku għall-projbizzjoni tat–tipjip, u l–miżuri meħuda s´issa fuq livell nazzjonali u livell ta´ Unjoni Ewropea. Qed jiġi formulat l–iskop tal–miżuri sabiex tittieħed azzjoni dwar it–tipjip passiv. Il–vantaġġi u l–iżvantaġġi tal–miżuri bi skop differenti qed jiġu analizzati, inkluż projbizzjoni totali fil–postijiet magħluqa pubbliċi kollha u eżenzjonijiet ta´ tipi differenti (eż għar-ristoranti u l–barijiet). Il–Kummissjoni tqis li l–politika bl–aktar skop wiesa´ iġġib l–akbar vantaġġi għas-saħħa tal–popolazzjoni. Finalment, il–Kummissjoni qed tilqa´ l–opinjonijiet dwar liema għażla politika tkun l–aktar adatta sabiex jinkisbu ambjenti bla tipjip: ebda bidla fl–istatus quo, miżuri voluntarji, koordinazzjoni u bidla ta´ l–aqwa prattiċi bejn l–Istati Membri, Rakkomandazzjoni tal–Kunsill jew tal–Kummissjoni jew leġiżlazzjoni ta´ l–UE li torbot. L–istituzzjonijiet l–oħra ta´ l–UE, l–Istati Membri u s–soċjetà ċivili huma mistiedna li jissottomettu l–kummenti tagħhom dwar il–Green Paper sa l–1 ta´ Mejju 2007. Il–Kummissjoni imbagħad se tanalizza t–tweġibiet u tipproduċi rapport bis–sejbiet ewlenin tal–konsultazzjoni, qabel tikkunsidra l–passi li jmiss.**

Il–Kummissarju għas-Saħħa Markos Kyprianou qal: "It–tipjip passiv, kull sena, joqtol aktar minn 79,000 adult fl–Unjoni Ewropea. L–evidenza mill–pajjiżi Ewropej li għandhom politiki komprensivi kontra t–tipjip turi li dawn ja hdmu, jipproduċu r–riżultati u huma popolari. Servej tal–Eurobarometer sab li aktar minn 80% taċ-ċittadini ta´ l–UE huma favur projbizzjoni fuq i–tipjip fil–postijiet tax–xogħol u postijiet pubbliċi magħluqa. Il–mistoqsija hi, kif nistgħu nibnu fuq it–tendenza lejn ambjenti bla tipjip fl–Istati Membri, u x´għandu jkun il–grad ta´ involviment ta´ l–UE?"

**It–tipjip passiv jibqa´ kawża komuni ta´ mewt u mard li jistgħu jiġu evitati fl–UE. L–esponiment kroniku għad-duhhan ta´ haddieħor iżid ir–riskju tal–kanċer tal–pulmun f´dawk li ma jpejpux b´20–30% u l–mard tal–qalb b´25–30%. Għażliet ta´ politika**
Il–ħames għażliet preżentati għad-diskussjoni fil–Green Paper huma:

• **L–ebda bidla fl–istatus quo:** fejn ix–xejriet preżenti lejn ambjenti bla tipjip fl–Istati Membri probabbilment ikomplu, il–progress isir b´mod

differenti u din tkun mistennija li tkun l–anqas għażla ta´ politika effettiva.

• **Miżuri voluntarji:** Filwaqt li l–awto–regolamentazzjoni fuq livell Ewropew tista´ tħaffef il–proċess u tkun aktar flessibbli, l–evidenza mill–Istati Membri tissuġġerixxi li arranġamenti voluntarji f´dan il–qasam ma kinux effettivi.

• **Metodu miftuħ ta´ koordinazzjoni:** li tiġi segwita l–konverġenza fil–leġiżlazzjoni nazzjonali għal ambjenti bla du hhan permezz ta´ linjigwida, miri u skambji ta´ l–aqwa prattiċi hija possibbiltà oħra, imma l–effettività tagħha tkun tiddependi fuq il–pressjoni mis–sieħba.

• **Rakkomandazzjoni tal–Kummissjoni jew tal–Kunsill:** rakkomandazzjoni simili ma jkollhiex effett li jorbot imma ddaħħal il–kwistjoni fl–aġenda politika. L–effettività tagħha tkun tiddependi fuq il–kundizzjonijiet ta´ monitoraġġ u xi Stati Membri oħra jistgħu jagħżlu li ma jaġixxux.

• **Leġiżlazzjoni li torbot:** din tista´ tinkiseb b´modi differenti u tkun timponi livell ta´ ħarsien kumparabbli, trasparenti u infurzabbli kontra ambjent tad–duhhan tat–tabakk fl–UE. Madankollu, din ir–rotta x´aktarx li tkun twila u r–riżultat aħħari huwa diffiċli li jiġi mbassar.

F´termini ta´ skop, il–Green Paper tal–Kummissjoni tikkonkludi li politika komprensiva ta´ ambjent bla duhhan iġġib l–akbar benefiċċji għas-saħħa tal–popolozzjoni, u l–evidenza minn madwar id–dinji hija li din l–għażla hija vijabbli u tista´ tiġi infurzata. Il–Kummissjoni tikkunsidra li l–livell mixtieq ta´ l–involviment ta´ l–UE fil–promozzjoni ta´ le ġiżlazzjoni għal ambjent mingħajr duhhan hija kwistjoni miftuħa, u hija marbuta ma´ l–iżviluppi fl–Istati Membri.

## Is–Sitwazzjoni fl–Istati Membri

L–Istati Membri kollha għandhom xi forma ta´ regolamentazzjoni bl–għan li tillimita l–esponiment għat-tipjip passiv u l–effetti ta´ ħsara tiegħu fuq is–saħħa. L–ambitu u l–karattru ta´ dawn ir–regolamenti jvarjaw.

Il–projbizzjoni tat–tipjip f´postijiet pubbliċi magħluqa u postijiet tax–xogħol, inklużi barijiet u ristoranti, huma fis–se hh fl–Irlanda u l–Iskozja, bil–bqija tar–Renju Unit issegwi fis–sajf li ġej. L–Isvezja, l–Italja u Malta għandhom le ġiżlazzjoni ta´ ħelsien mit–tipjip li tippermetti li jkun hemm kmamar speċjali magħluqa għat-tipjip b´sistemi separati ta´ ventilazzjoni, Franza se tinforza miżuri simili is–sena d–dieħla, u l–Estonja u l–Finlandja f´Ġunju 2007. Il–Bel ġju, il–Litwanja, Spanja, Ċipru, l–Islovenja u l–Olanda jipprovdu eċċezzjonijiet ta´ tipi differenti għas-settur ta´ l–ospitalità. Ħafna Stati Membri jipprojbixxu jew jirrestringu tipjip f´postijiet pubbliċi ewlenin, bħalma huma l–isptarijiet, l–iskejjel u bini tal–gvern, it–teatri, is–swali taċ-ċinema u l–mezzi tat–trasport pubbliku. ?Fuq il–livell ta´ l–UE, il–kwistjoni ta´ ambjenti ħielsa mit–tipjip kienet indirizzata minn reżoluzzjonijiet li ma jorbtux u rakkomandazzjonijiet. Numru ta´ direttivi dwar is–saħħa u s–sigurtà fuq il–post tax–xogħol ikopru ukoll xi kwistjonijiet relatati ma´ l–esponiment għal tipjip tat–tabakk fuq il–post tax–xogħol.

**Għal aktar informazzjoni**?Il–kontenut sħiħ tal–Green Paper jinsab fl–internet, fl–indirizz:

http://ec.europa.eu/health/.../keydo_tobacco_en.htm ?Is–Servej tal–Eurobarometer dwar it–Tabakk jinsab

fl–internet, fl–indirizz:

http://ec.europa.eu/health/.../ebs_239_en.pdf

**Source:**

http://europa.eu/rapid/...